MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 225/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Jane BAKOUSH [ID. Nru. 83365(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fl-14 ta' Marzu, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' erba' mija erbgha u disghin euro u hmistax-il centezmu ta' euro [€494.15] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija erbgha u disghin euro u hmistax-il centezmu (€494.15), skont il-prospett hawn anness u markat Dok. A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekommunikazzjoni, u cioe dak televiziv, u tat-telefon numru tal-kont A/C40150723, moghtija mis-

socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe mit-23 ta’ Dicembru, 2010, kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta’ Settembru, 2012, nhar it-18 ta’ Ottubru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta’ Ottubru, 2012 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ erba’ mija erbgha u disghin euro u hmistax-il centezmu ta’ euro [€494.15], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------